# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 21/2010

## tat-12 ta' Marzu 2010

## li temenda l-Anness I (Materji veterninarji u fitosanitarji) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2010 tal-1 ta' Marzu 2010 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1290/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) (Sorbiflore) bħala addittiv fl-għalf [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1292/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-awtorizzazzjoni ta' *Bacillus amyloliquefaciens* CECT 5940 (Ecobiol u Ecobiol plus) bħala addittiv fl-għalf [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1293/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' *Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 (Levucell SC20 u Levucell SC10 ME) bħala addittiv fl-għalf [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 102/2009 tat-3 ta' Frar 2009 dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv fl-għalf [5] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 1zzzzzc (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1253/2008) tal-Kapitolu II tal-Anness 1 mal-Ftehim:

"1zzzzzd **32008 R 1290**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1290/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) (Sorbiflore) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 20).

1zzzzze **32008 R 1292**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1292/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-awtorizzazzjoni ta' *Bacillus amyloliquefaciens* CECT 5940 (Ecobiol u Ecobiol plus) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 36).

1zzzzzf **32008 R 1293**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1293/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' *Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 (Levucell SC20 u Levucell SC10 ME) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 38).

1zzzzzg **32009 R 0102**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 102/2009 tat-3 ta' Frar 2009 dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv fl-għalf (ĠU L 34, 4.2.2009, p. 8)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1290/2008, (KE) Nru 1292/2008, (KE) Nru 1293/2008 u (KE) Nru 102/2009 fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Supplement taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-13 ta' Marzu 2010, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

[1] Ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 340, 19.12.2008, p. 20.
[3] ĠU L 340, 19.12.2008, p. 36.
[4] ĠU L 340, 19.12.2008, p. 38.
[5] ĠU L 34, 4.2.2009, p. 8.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER